Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR CHANTELLE CASHA) V. CHARLENE MALLIA (KI. 231386M)

(DENUNZJA)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**30 ta' Novembru 2021**

IL-QORTI,

wara li rat illi Charlene Mallia ("l-imputata") kienet oriġinarjament ġiet misjuba ħatja minn din il-Qorti diversement presjeduta permezz tas-sentenza tagħha tat-22 ta' Novembru 2016 meta l-istess Qorti kienet minflok ma' nfliġġiet piena, poġġiet lill-imputata taħt ordni ta' *probation* taħt l-Art. 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta għal perjodu ta' tlett snin,

wara li rat illi permezz tar-rikors tagħha tal-15 ta' Novembru 2019, l-uffiċjal tal-*probation* Marilyn Formosa kienet iddenunzjat lill-imputata kif titlob il-liġi fl-Art. 21(1) tal-Kap. 446 peress illi l-istess imputata kienet qed tikser il-kundizzjonijiet li kienet marbuta bihom taħt l-ordni in kwistjoni,

wara li rat illi l-Qorti kif presjeduta kienet ordnat li l-imputata titressaq taħt arrest quddiemha sabiex twieġeb għall-għemil tagħha,

wara li rat illi l-Qorti żammet diversi seduti, semgħet għal iżjed minn darba lill-Uffiċjal tal-*Probation* u tat iżjed minn opportunita' waħda matul il-kors tal-proċeduri sabiex l-imputata tirregola ruħha u tikkonforma mal-kundizzjonijiet tal-ordni imposti fuqha,

wara li rat illi fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2021, id-difiża iddikjarat li ma' kelliex provi xi tressaq u għalhekk il-kawża ġiet differita għas-sentenza,

wara li semgħet it-trattazzjoni fil-qosor magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur Sarah Zerafa
- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. Kris Busietta

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Permezz tal-ordni ta' *probation* tat-22 ta' Novembru 2016 din il-Qorti diversement presjeduta kienet imponiet is-segwenti kundizzjonijiet fuq l-imputata bħala parti mill-istess ordni:

    1. Li matul il-perjodu ta' *probation*, il-ħatja għandha ġġib ruħha tajjeb, toqgħod għad-direttivi kollha tal-uffiċjal tal-*probation* u żżomm dak il-kuntatt meħtieġ u mitlub mill-uffiċjal tal-*probation* maħtur lilha,

    2. Il-ħatja għandha tavża immedjatament lill-uffiċjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta tagħmel fl-indirizz residenzjali tagħha,

    3. Il-ħatja għandha żżomm ruħha f'kuntatt mal-uffiċjal tal-*probation* skond id-direttivi li tagħtiha minn żmien għall-ieħor l-istess uffiċjal tal-*probation* u partikolarment għandha, jekk l-uffiċjal tal-*probation* ikun hekk irid, tirċievi żjarat tal-istess uffiċjal tal-*probation,*

    4. Li toqgħod għal kull programm, ordni, inizjattiva u/jew direttiva tal-uffiċjal tal-*probation* intiżi li jgħinu lill-ħatja biex ma terġax tirrepeti r-reati jew tikkommetti reati oħra.

2. L-uffiċjal tal-*probation* maħtur għal dan l-iskop ġiet ordnata mill-Qorti sabiex tirrapporta bil-miktub bil-progress tal-ħatja kull sitt xhur.

3. Fir-rikors tad-denunzja tagħha tal-15 ta' Novembru 2019, l-uffiċjal tal-*probation* qalet *inter alia* is-segwenti:

    1. "*għalkemm għamlet żmien twil għaddejja minn żmien stabbli, f'dawn l-aħħar ġimgħat hija kienet qed tkun inkonsistenti fl-appuntamenti tagħha ġewwa d-Dipartiment tal-Probation u l-Parole,*

    2. *Illi għalkemm hija tirrealizza li  għanda bżonn is-sapport u l-għajnuna, hija ma' jirnexxilix tkun konsistenti mal-professjonisti involuti magħha tant li fl-*

*aħħar ġimgħat hija waqfet ukoll il-kuntatt mal-key worker tagħha ġewwa l-Caritas,*

3. *Illi hija naqset li tattendi għall-appuntament mogħti lilha nhar l-14 ta' Novembru 2019 fejn kellha tissottometti ruħha għal test tal-urina u dan wara li fl-aħħar appuntament tagħha nhar id-29 ta' Ottubru 2019 hija rriżultat fil-pożittiv għas-sustanza tal-kokaina"*

4. Fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2019 il-Qorti semgħet ix-xhieda tal-uffiċjal tal-*probation* Marilyn Formosa li kkonfermat bil-ġurament tagħha l-kontenut tar-rikors. Il-Qorti kienet dakinhar iddiferiet il-kawża għat-2 ta' Marzu 2020 sabiex terġa tisma lill-uffiċjal tal-*probation* u b'hekk tkun tista' tiddeċiedi b'mod definittiv dwar id-denunzja. Il-ħsieb tal-Qorti kien illi, lil' hinn mill-ordni tal-*probation* liema ordni kienet waslet biex tiskadi f'dawk il-ġranet, l-imputata tuża l-perjodu tad-differiment sabiex b'mod informali tibqa' tiġi segwita mill-uffiċjal tal-*probation* u tikkonforma ruħha mad-direzzjonijiet tagħha inklużi dawk illi ma' tibqax tabbuża mid-droga u li żżomm l-istabbilita' fil-ħajja tagħha.

5. Fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2020 ma' kien deher ħadd u għalhekk il-Qorti ddiferiet il-kawża għat-22 ta' Ġunju 2020.

6. Minħabba ċ-ċirkostanzi relatati mal-imxija tal-Covid-19 madwar id-dinja l-Qorti kienet imbagħad iddeferit is-seduta tat-22 ta' Ġunju 2020 għat-8 ta' Ottubru 2020.

7. Peress li ma' kienx hemm awla disponibbli għall-Qorti s-seduta tat-8 ta' Ottubru 2020 kienet ġiet differita għat-12 ta' Novembru 2020.

8. Fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2020 dehret l-uffiċjal tal-*probation* Marilyn Formosa li ppreżentat ċertifikat mediku li kien juri li l-imputata kienet qed issofri minn ksur f'saqajha u għalhekk ma' kienetx tista' tattendi l-Qorti. Il-Qorti dakinhar kienet ġiet infurmata ukoll li l-imputata kienet fil-frattemp irreġistrat progress iżda madanakollu mill-aħħar testa tal-awrina rriżulta illi kienet għadha qed tagħmel użu minn sustanzi illeċiti. Il-Qorti għalhekk ħalliet il-kawża għall-aħħar darba għat-8 ta' Marzu 2021 sabiex dakinhar jiġi ppreżentat lilha test tal-awrina li jkun negattiv għal kull sustanza llleċita.

9. Is-seduta tat-8 ta' Marzu 2021 ġiet differita għad-19 ta' April 2021 minħabba raġunijiet barra mill-kontroll tal-Qorti.

10. Is-seduta tad-19 ta’ April 2021 ġiet differita għat-13 ta’ Mejju 2021 b’direttiva tal-S.T.O Prim Imħallef sabiex tgħin kontra t-tixrid tal-Covid-19.

11. Fis-seduta tat-13 ta’ Mejju 2021 reġgħet xehdet l-uffiċjal tal-*probation* Marilyn Formosa. Din qalet *inter alia* s-segwenti:

*“Bazikament minn wara s- seduta tal- 21 ta’ Novembru tas- sena 2019 Charlene giet ghas- sessjonijiet nhar il- 25 ta’ Novembru fejn kien ittiehed test tal- urina li kien irrizulta fin- negattiv ghas- sustanzi lleciti. Izda mbaghad ma kinitx attendiet ghas- sessjonijiet tat- 2 u t- 12 ta’ Dicembru ghaliex sahqet li f’ dak il- perjodu kienet qed tahdem. Hija kienet giet ghal zewg sessjonijiet ohra f’ Dicembru 17 u fis- 7 ta’ Jannar fejn kienu ttiehdu zewg testijiet tal- urina ohra li kienu rrizultaw fin- negattiv ghas- sustanzi lleciti. Hija mbaghad kienet ipposponiet l- appuntament tat- 23 ta’ Jannar 2020 u naqset milli tattendi wkoll ghall- appuntament li kellha fis- 27 ta’ Jannar 2020 u kienet attendiet fid- 29 ta’ Jannar izda hemmhekk f’ dik is- sessjoni ma kinitx ittiehdet kampjun tal- urina. Hija kienet regghet ma attendietx ghall- appuntament tal- 4 ta’ Frar ghax kienet qalet li kienet ma tiflahx u mbaghad kienet attendiet fil- 11 ta’ Frar izda hemmhekk rega’ ma ttihidtx kampjun tal- urina.”*

12. Mistoqsija mill-Qorti xi tkun ir-raġuni ‘l għala ma’ jittieħidx kampjun tal-urina meta l-persuna taħt *probation* tkun attendiet ġewwa d-Dipartiment, ix-xhud irrispondiet kif ġej:

*“Ghax ma jkollnix is- servizz. Ghax ahna s- servizz ikun biss darbtejn fix- xahar fejn jidhlu n- nisa allura nkun tajtha l- appuntament apposta biex tigi izda ma tkunx giet u meta tigi wara ma jkunx hemm in- nurse available.”*

13. Ix-xhud kompliet tispjega illi:

“*Hija attendiet ghall- appuntament nhar is- 26 ta’ Frar fejn kien ittiehed kampjun tal- urina li kien fil- pozittiv ghas- sustanza tal- kokaina. U l- istess gara fis –sessjoni li kienet fl- 4 ta’ Marzu 2020. Dakinhar hija kienet ammetiet li kienet ilha taghmel uzu mill- kokaina minn Dicembru 2019 u kienet qalet li l- uzu ma kienx wiehed regolari. Hija kienet uriet ix- xewqa li taghmel programm residenzjali u kien fix- xhur ta’ bejn Marzu 2020 u Lulju 2020. Kienet bdiet kuntatt konsistenti mal- Caritas. U kienet ghamlet imbaghad kienet dahlet il- programm tal- Caritas f’ Lulju tal- 2020 izda ma kinitx damet hemmhekk. Kienet biss ghamlet madwar xahar u kienet telqet mill-*

*programm. Ovvjament ir- raguni min- naha taghha kienet semmiet minhabba li dak il- perjodu rega' kien hemm kambjamenti fejn jidhol l- access ghat- tfal taghha waqt il- programm kien se jinqata' u hija ddecidiet li ma riditx tibqa' l- programm. Hija kienet attendiet ghall- appuntament nhar is- 26 t' Awwissu fejn kien ittiehed kampjun tal- urina li kien fin- negattiv izda mbaghad kienet regghet naqset milli tattendi fil- 1 u 23 ta' Settembru u ghaldaqstant ma kinux ttiehdu kampjuni tal- urina. Hija attendiet fis- 7 t' Ottubru fejn kienet halliet kampjun tal- urina li kien pozittiv ghall- kokaina...2020 is- sena l- ohra. Imbaghad kienet regghet ma attendietx ghall- appuntament li kellha fit- 23 t' Ottubru u fl- 4 ta' Novembru 2020. Hija kienet semmiet li kienet ma tiflahx u li kienet qeghda tistenna rizultat tal- iswab test illi sussegwentament kien irrizulta fin- negattiv. Minn wra li kellna suppost il- Qorti fit- 12 ta' Novembru 2020 fejn hija ma kinitx attendiet ghax kienet wegghet saqajha, hija ma attendietx ghall- appuntamenti kollha moghtiha lilha. Bazikament inghataw appuntamenti fis- 18 ta' Dicembru 2020, fis- 7 ta' Jannar, fl- 1 ta' Frar 2021, 25 ta' Frar 2021, 12 ta' Marzu 2021, 6 t' April 2021, 21 t' April 2021 u 3 ta' Mejju 2021. Qisu matul dawn ix- xhur il- kuntatt kien dejjem permezz tat- telefon. Jigifieri fejn jidhol telefon izzomm kuntatt pero' ghall- appuntamenti jew jinqala' xi haga jew just sempliciment ma tattendiex ghalih minghajr ma tati spjegazzjoni."*

14. Fir-rigward tal-kuntatt tal-imputata mal-Aġenzija Caritas ix-xhud qalet hekk:

*"l-istess haga fejn jidhol il- Caritas. Jigifieri kuntatt mal- Caristas wara li harget mill- programm rega' nqata' kompletament. Fil- prezent qisu l- focus taghha bhalissa huwa li ssib xoghol u qeghda f' kuntatt ma' Gordon Schembri min- naha tal- Jobsplus li hemmhekk fejn jidhol dak l- aspett jidher li qeghda pjuttost konsistenti anke mill- informazzjoni li gbart min- naha ta' Gordon Schembri stess u hu wkoll qal li tattendi ghall- appuntamenti u vera hemm xewqa kbira min- naha taghha li ssib impjieg. Fejn jidhol is- sitwazzjoni d- dar jidher li hija pjuttost stabbli fil- mument izda ovvjament fejn tidhol l- uzu tal- kokaina jiena min- naha tieghi ma nistax naghti nformazzjoni jekk f' dawn l- ahhar xhur kinitx qed taghmel uzu jew le ghaliex ma kienx hemm attendenza."*

**Kunsiderazzjonijiet**

15. Il-Qorti jirriżultalha bla ebda ombra ta' dubbju illi l-imputata għal diversi drabi kisret il-kundizzjonijiet li ġew imposti fuqha fl-ordni tal-*probation*. Mhux biss ma' żammitx kuntatt regolari mal-uffiċjal tal-*probation,* iżda agħar minn hekk, hija ma' kienetx kapaċi tibqa' *clean* u filwaqt li kien hemm tentattiv sabiex tibda programm

residenzjali kontra l-abbuż tad-droga, anke hawnhekk hija ma' kienetx kapaċi ittemmu b'suċċess u filfatt ħarġet minnu wara xahar.

16. Skond id-dispożizzjonijiet tal-Art. 22(2) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta:

    22(2) '*Jekk jiġi ppruvat għas-sodisfazzjon tal-qorti, li min ikun taħt probation jkun naqas milli jħares xi ħtieġa ta' sanzjoni fil-komunità, dik il-qorti tista' mingħajr preġudizzju għat-tkomplija tas-sanzjoni, twaħħal il-ħati ammenda ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94), jew tista' tittratta ma' min ikun taħt probation, għar-reat li dwaru tkun saret is-sanzjoni komunitarja, b'kull mod kif il-qorti tista' tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-qorti għal dak ir-reat.*'

17. Illum il-ġurnata l-ordni tal-*probation* innifisha ilha li skadiet u m'hemmx lok għat-tkomplija tagħha. Il-Qorti ma' tħossx illi l-ksur ripetut tal-kundizzjonijiet tal-ordni tal-*probation* huma tali li jimmeritaw biss *ammenda* u għalhekk hija tenuta titratta mal-imputata għar-reati li tagħhom hija kienet ġiet misjuba ħatja fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-22 ta' Novembru 2016.

18. Dawn kienu s-segwenti:

    Fid-29 ta' Lulju, 2016, fil-Marsa w/jew f'xi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer ;

    *"a) irrifjutat li tagħti jew tat il-partikularitajiet tagħħa foloz jew mhux sew lill-uffiċjal tal-pulizija meta dan talabhomla waqt il-qadi ta' dmiru u dan bi ksur ta l-Artikolu 338(g) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta'Malta;*

    *b) kif ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, f'post pubbliku jew f'post espost għall-pubbliku tlajjat jew għamlet biex tħajjar għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet immorali u dan bi ksur tal-Artiklu 7 (2) tal-Kapitlu 63 tal-Ligi ta' Malta;*

    *c) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi offendiet il-pudur u/jew il-morali, b' għemiel li sar f'lok pubbliku, jew f'Iok espost għall-pubbliku u dan bi ksur tal- Artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Liġi ta' Malta"*

19. Filwaqt li l-ewwel reat huwa wieħed ta' natura kontravvenzjonali, mhux l-istess jista' jingħad għat-tieni u t-tielet reati li huma suġġetti għall-piena karċerarja ta'

mhux iżjed minn sitt xhur (fir-rigward tat-tieni reat) u ta' mhux iżjed minn tlett xhur flimkien ma' multa (fir-rigward tat-tielet reat).

20. Kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Jannar 2012 fl-ismijiet: '**Il-Pulizija v. Omissis, George Degabriele**' (App. Krim. 54/2010)

    "*Dawn il-Qrati qatt ma jiehdu gost jibghatu nies il-habs u dan jaghmluh meta l-istess akkuzati jew imputati ikunu rabtu idejn il-Qorti b'tali mod illi ma jkunx hemm ghazla ohra. Madanakollu, anke f'kaz ta' kriminal inkallit, meta l-Qorti tara xaqq ta' dawl jew dak li huwa maghruf bhala "window of opportunity", tahtaf din l-opportunita u fejn jista' jkun tevita l-habs u tati opportunita lil dak li jkun jirriforma ruhu barra mill-konfini tal-Facilita' Korrettiva*"

21. Il-Qorti jisgħobiha qatiegħ illi f'dawn iċ-ċirkustanzi ma' tara l-ebda opportunita' realistika illi l-imputata tista' tirriabilita ruħha barra mill-ħabs. L-imputata m'għarfietx taħtaf id-diversi ċansijiet li ġew fid-direzzjoni tagħha u l-Qorti tħoss illi idejha huma tabilħaqq marbutin.

**Deċiżjoni**

22. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tiddisponi minn din il-kawża billi filwaqt li tiddikjara lill-imputata ħatja li kisret il-kundizzjonijiet tal-ordni tal-*probation* mposti fuqha permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti tat-22 ta' Novembru 2016, qegħda ai termini tal-Art. 22(2) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta titratta mal-imputata għar-reati li kienet instabet ħatja tagħhom permezz tas-sentenza msemmija (Artiklu 7(2) tal-Kap. 63 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikli 209 u 338(g) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) u b'hekk qegħda għal dawk ir-reati tikkundanna lill-imputata għall-piena karċerarja effettiva ta' tlett (3) xhur u għall-multa ta' mitt euro (€100).**

V.G. Axiak — Y. M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur